TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 431/10

**Paul u Sonya konjugi Galea**
**vs**
**Jimmy Gauci**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn, seba' mija u ħamsin ewro (€2,750) u kif ukoll l-imgħax rappreżentanti depożitu fuq ħames aperturi li dawn qatt ma saru.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw ħames aperturi mingħand l-intimat u minkejja li ħallsu d-depożitu, dan ix-xogħol qatt ma sar u qatt ma ġie kkonsenjat lilhom u għalhekk qed jitolbu rifużjoni tal-flus li ħallsu, kif ukoll l-imgħax.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota li l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, dan baqa' ma deherx ghas-seduta u għalhekk ma kkontestax it-talba.

It-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u ħamsin ewro (€2,750), kif ukoll erba' mija u erbgħin ewro (€440) imgħax, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**